# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Talba Nru: 80/2022 JG**
**Numru fuq il-lista: 10**

**RCC Co Ltd (C 73641)**

**Vs**

**Aljasem Saleh (ID 103983(A))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2022, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jħallasha l-ammont ta' elf u tlett mitt Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu tal-Ewro (€1,300.39) rappreżentanti prodotti mibjugħa u mhux imħallsa, kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri u l-imgħax[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokument annessi mal-Avviż[2];

Ra li l-konvenuta ġiet debitament notifikata iżda la ppreżenta risposta fit-terminu li trid il-liġi u lanqas irreġistra dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022[3];

Sema' x-xhieda ta' Clive Ciappara flimkien mad-dokumenti hemm eżebiti[4];

Ra d-digriet tat-Tribunal fejn issposenda l-prolazzjoni tas-sentenza[5];

Sema t-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tas-soċjetá attriċi dwar il-kweżit imqanqal fid-digriet imsemmi[6];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġà ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, il-konvenuta f'dawn il-proċeduri naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġiet dikjarata li kienet waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

---

[2] Dok A, a fol 3 tal-proċess.
[3] A fol 9.
[4] Magħmula fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022. Xhieda relattiva tibda a fol 10 tal-proċess.
[5] Mogħti fit-8 ta' Lulju 2022.
[6] Liema trattazzjoni ġiet debitament traskritta hekk kif ordnat fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2022.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[7].

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentanta tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen. B'hekk jirriżulta li l-konvenut huwa debitur f'xi ammont. Wara kollox, irriżulta wkoll lill-konvenut kien wettaq ħlasijiet matul is-snin u b'hekk irrikonoxxa li kien hemm dejn[8].

Illi madanadkollu, u dan huwa dak li wassal lil dan it-Tribunal jissospendi prolazzjoni tad-deċiżjoni li kellha tingħata fit-13 ta' Lulju 2022, hemm kwistjoni li kellha tiġi investita b'aktar approfondiment. Kien b'hekk li dan it-Tribunal talab lill-avukat difensur tas-soċjetá attriċi jittratta fuq din il-materja li sejra tiġi issa hawn diskussa.

Illi minn qari dettaljat tad-dokument eżebit[9], liema jirreferi kemm għal-krediti u d-debiti kollha bejn il-partijiet, jirriżulta lis-soċjetá attriċi qiegħda titlob fost affarijiet oħra ammont bħala *legal fee* u ieħor li jirreferi proprju għal dawn il-proċeduri. Dawn it-tnejn, komplessivament, jammontaw għal sebgħa mija u għoxrin Ewro (€720). Irid jingħad li għall-ewwel ammont *(legal fee)* ma ġiet eżebita l-ebda rċevuta fiskali u għalhekk fin-nuqqas ta tali prova, it-Tribunal m'huwiex sodisfatt li għandu jaċċetta dan l-ammont. Imkien ma ġie mfisser għalxiex dan jirreferi. B'hekk dan l-ammont irid jitnaqqas.

---

7 *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Ta' interess huwa wkoll dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Wismayer ne. Vs Giovanni Magro**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ nhar il-24 ta' Novembru 1934 per Onor. Imħallef Dr. W. Harding.

8 Artikolu 1147(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

9 Referenza hawn qiegħda ssir għad-dokument eżebit

Illi jifdal biss l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600) li wieħed jifhem huma marbuta mal-preżenti proċeduri. L-għaref difensur tas-soċjetá attriċi għamel referenza għall-artikolu 26E tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta fuq dan l-aspett. Dan l-artikolu jittratta spejjeż inkorsi għall-irkupru ta' dak dovut. Madankollu, fil-fehma tat-Tribunal, kien mistenni lis-soċjetá attriċi tipprova hi din l-allegazzjoni u ċioé x'kienet in-nefqa li hija għamlet sabiex tirkupra dan l-ammont[10]. Mix-xhieda tad-direttur tas-soċjetá attriċi lanqas jirriżulta x'korrispondenza kien hemm u b'liema mod din saret. L-aktar li jgħid huwa li l-konvenut waqqfu fit-triq[11]. Dan it-Tribunal huwa ben konxju li huwa m'huwiex marbut bl-aħjar prova[12]. Huwa minnu wkoll li t-Tribunal jista' jitlob li ssir l-aqwa prova, iżda ċertament m'għandux ikun hu li jagħmel dak li għandha tagħmel parti f'kawża[13].

Illi wkoll, l-ammont mitlub huwa wieħed totalment eżaġerat meta wieħed iqis li l-liġi tistabbilixxi minimu ta' erbgħin Ewro (€40). Apparti minn hekk, sa fejn dawn l-aħħar sitt mitt Ewro (€600) jirreferu għal dawn il-preżenti proċeduri, dan it-Tribunal sejjer iqis l-istess fil-parti deċiżorja tiegħu. B'hekk m'għandux ikun li

[10] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Marletta Enterprises Limited vs Marlene Farrugia,** (Talba Nru: 828/15) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presedut nhar is-7 ta' Lulju 2016.

[11] Ix-xhud qal hekk: "*Tlabtu, u hallasni..beda jhallas; sal-ġimgħa l-oħra kellimni għax waqqafna fit-triq, qalli ħa niġi inħallsek u imma ma...*"

[12] Artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 390 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Herman Rantasa et vs Kevin Buttigieg et,** (App Ċiv Nru: 614/2006/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 fejn intqal hekk: "*Ferm dan il-hsieb, din il-Qorti, ciononostante dak affermat b' mod generali kwantu ghall-"ahjar prova" bhala principju regolatur in materja ta' provi taht l-ordinament proċedurali taghna fil-Kapitolu 12, ma tistax tinjora d-disposizzjonijiet tal-ligi specjali. Senjatament, l-Artikolu 9 (2) subpara. (b) ta' l-Att V ta' l-1995 li jiddisponi li l-Gudikatur "ghandu jitgharraf b' kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta.*"

[13] F'dan is-sens, b'mod speċjali għal dak li jikkonċerna dan it-Tribunal, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal hekk: "*B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet.*"

s-soċjetá attriċi titħallas darbtejn jew lill'hinn mit-taxxa uffiċjali[14] jekk din sejra tingħata l-ispejjeż tal-istanza odjerna diġa.

Illi għalhekk filwaqt li t-talba tas-soċjetá attriċi sejra tintlaqá, dawn l-aħħar ammonti sejrin jitnaqqsu. B'hekk l-ammont li sejjer jingħata huwa ta' ħames mija u tmenin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€580.39).

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' parzjalment t-talba tas-soċjetá attriċi kif hawn fuq spjegat u jikkundanna lill-konvenut jħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' ħames mija u tmenin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€580.39), bl-imgħax legali mis-17 ta' Diċembru 2020[15] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut[16].

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[14] Regolament 16 tal-Liġi Sussidjarja 380.01.
[15] Data fejn l-ammont hawn issa deċiż kien ġie dovut. It-Tribunal qies minnu li din l-obbligazzjoni kellha mill-entitá tagħha element kummerċjali. Għalhekk qiegħed jiġi utilizzat l-artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[16] Dan għaliex, għalkemm s-soċjetá attriċi ma ngħatatx dak kollu mitlub minnha, il-konvenut xorta qiegħed jitqies bħala l-parti telliefa b'hekk qiegħed jingħata effett għal dak li jrid l-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.